MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2004

Numru 831/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**CHARLES GOUDER**

**Illum 16 ta' Novembru, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Charles Gouder, bin Carmelo u Doris Mallia, m./Pieta fil 5/7/71 ta Flt 15, Blk A, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Zabbar. ID; 413372M or 33, Triq Sta Katerina, B'Bugia gie akkuzat:

Talli fis-26/6/2003 ghal habta ta’ 9pm gewwa Xatt san Gorg, B’Bugia, 1. Kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied. 2. Irrifjuta li jaghti jew ta falz lill Ufficjal pubbliku li kien qed jaghmel d-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularijiet ohra. 3. Naqas li jobdi l-ordnijiet leggitmi moghtija lilu min PS 853, Frankie Sciberras u PC 912 Paul Scorfna ufficjali nkarigati minn Servizz Pubbliku. 4. Qal kliem fahxi li jikkonsisti f’dagha fil pubbliku. 5. Ingurja u hedded lill PS 853 u PC 912 persuni nkarigti skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu dan is servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta dak is-servizz. 6. Ikkaguna offiza ta natura hafifa fuq il-persuna ta PC 912 Paul Scorfna waqt il-qadi tad-dmirijiet tieghu, ufficjal inkarigat mis-Servizz Pubbliku.
Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. SNG1 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum il-P.L. Victor Bugeja ghall-imputat iddikjara li l-imputat qed jiskuza ruhu ta’ l-akkadut.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 338 (dd), 338 (g), 338 (ee), 338 (bb), 342, 95 u 96 u 221 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Charles Gouder, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju

bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum il-P.L. Victor Bugeja ghall-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum il-P.L. Victor Bugeja ghall-imputat iddikjara li l-imputat qed jiskuza ruhu ta’ l-akkadut, tillibera lill-istess imputat Charles Gouder taht il-Provvediment ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Charles Gouder l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------